MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 4/2005

**Saviour Sammut**

**vs**

**Auto Sales Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Frar, 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"**Introduzzjoni**

Illi b' dikjarazjoni prezentata fl-4 ta' Frar 2004 l-appellant talab lil dan it-Tribunal sabiex ai termini tal-Kap 451 jisma u jittratta l-kaz tieghu.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Illi l-appellant gie mpjegat b’kuntratt ta’ xoghol ghal zmien indefinit datat 7 ta’ April 2003 bhala “mechanic”. Skond il-kondizzjonijiet tax-xoghol, l-imghallem tieghu seta jibghatu barra minn Malta ghal tahrig u specjalizzazjoni. Meta effettivament gie mitlub jaghmel hekk huwa ma setax joqghod ghall-ordnijiet tal-principal, peress li kellu bzonn joqghod Malta minhabba l-preparamenti ghaz-zwieg u b’ hekk l-impjieg gie terminat.

Da parti taghha, is-socjeta’ intimata allegat li l-impjegat naqas li jonora l-obbligazjonijiet kontrattwali minnhu assunti. B’ hekk kienet gustifikata li tinvoka l-istess kuntratt u titterminalu l-impjieg.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Illi r-relazjoni lavorattiva bejn il-partijiet hija regolata bil-kuntratt ta’ xoghol datata 7 ta’ Marzu 2003. Hemm referenza ghal certu Automobile Industrial Agreement 1972 (as amended / li pero` m’ huwiex a konjizzjoni tat-Tribunal L-Art 5 jistipula d-dritt tal-principal li jibghat lill-impjegat ghal tahrig, u d-dover tal-impjegat li joqghod ghal-istess istruzzjonijiet. Il-penali f’kaz ta’ non osservanza, huwa stipolati fl-<u>Art. 13</u>: - “the employer shall be justified to terminate the employment of the employee for just cause according to law and in the event of any breech on the part of the employee of any of the above clauses and of terms and conditions laid down in the above mentioned Automobile Industrial Agreement”.

Id-dritt tal-principal huwa fakoltattiv, mhux tassattiv - pero` xorta wahda ghazel l-aktar ezitu ahrax fil-konfront tal-impjegat u tterminalu l-impjieg.

Illi jigi notat ukoll illi fuq il-post tax-xoghol, ir-relazzjonijiet industrijali huma regolati bi ftehim kollettiv li gie iffirmat fil-21 ta’ April 2002 ghal perjodu Jannar 2002 sa Dicembru 2004, esibit bhala Dok MX (GWU)1. Pero’ xorta wahda meta l-appellant kien gie impjegat kellu jiffirma dak il-kuntratt ta’ xoghol u kienet ir-raguni ghall dan kellu jiffirma dak il-kuntratt qatt ma giet stabbilita - messhu l-impjegat ikkonsulta ruhu mar-rapprezentanti tal-haddiema fuq il-

post tax-xoghol iktar u iktar meta ma kienx se jokkupa xi grad ezekuttiv u/jew amministrazzjoni u tmexxija tal-azjenda. Aktar u aktar meta l-grad tal-impjieg tieghu huwa kopert b'dak il-ftehim kollettiv (vide Appendix A u B). Il-procedura stabbilita fl-Art 35 u Appendix 1, u l-Art 36 u Appendix E ma gewx applikati fil-konfront tieghu. B'dak il-kuntratt, il-protezzjoni lilu mghotija sia bl-ghaqda sindakali eziztenti fuq il-post tax-xoghol u sia b' dawk id-drittijiet naxxenti u bl-istess ftehim kollettiv gew lilu negati. Fil-mument tat-turbolenza, il-GWU ma gietx involuta li minn parti u wisq anqas min-ohra. B'hekk giet esitata possibilita ta' tilwima fuq il-post tax-xoghol. Kif xehed is-segretarju tat-taqsima, Andrew Mizzi huwa dahlu in scene meta kien troppo tardi u l-impjieg gia effettivament terminat. L-uniku rimedju li kien baqalu l-haddiem kien li jirrikorri lejn dan it-Tribunal.

Illi in vista tas-suespost, it-Tribunal ma jistax, kif qed tippretendi s-socjeta' intimata, jaqbad u japplika il-kuntratt "in vacuo" minghajr ma jinvestiga x'wassal ghall-agir "prima facie" insensata tal-impjegat li ma jobdiex l-ordnijiet tal-principal tieghu multo magis kontrattwali. Jirrizulta li l-impjegat kien ser jizzewweg, xtara post fi stat ta' gebel u saqaf, u ried jikkompletah sa zmien taz-zwieg. Accetta li jmur il-kors barra min Malta, pero' mhux f'dak il-perjodu. Donnu li l-principal kien ferm tassattiv fil-konfront tieghu ghax esiga l-maximum tal-penali derivanti mill-kuntratt ta' xoghol fuq citat. Pero' huwa interessanti li kif ritenut fix-xhieda sia tal-appellant u sia ta' Andrew Mizzi li precedentement ghalih kienu gew mitluba li jmorru tlett (3) persuni ohra. Pero' fil-konfront taghhom, ma ttiehdu l-ebda passi. Allinqas din l-asserzjoni ma gietx kontrastata mis-socjeta' intimata u lanqas dawn it-tlett (3) persuni ma gew prodotti bhala xhieda mill-ebda parti meto magis jekk dawn it-tlett (3) persuni ma humiex impjegati fuq kuntratt bhal dak in ezami, izda koperti bil-ftehim kollettiv. Jirrizulta ghalhekk li hadd ma ried imur, il-balla waqghet fuq l-appellant, li spicca barra wkoll b'kollox. Ir-ragunijiet ghaliex ghamel dan gew esposrti matul il-kors ta' dan il-kaz pero' dawk tat-tlett (3) impjegati baqghu injoti: F' cirkostanzi simili kif kellha tagixxi s-socjeta' intimata ? Rinfaccjat b' din is-sitwazzjoni s-socjeta' intimata ma

setghetx ma tihux parir, anka vis-a-vis ir-relazzjoni taghha mill-lat kummercjali mal-principal stess. L-odjern appellant kien haddiem li ma kellux il-kopertura kollha tal-ftehim kollettiv bhal il-haddiema l-ohra ghax kien marbut kontrattwalment. Gie migjuba mingore u applikat "ad litteram". Wara kollox il-pricipju bazilari jistipula li 'pacta sunt seravanda'.  L-allegazzjoni ghadha mhux biss tigi assunta izda ukoll applikata. Pero' dejjem bi spiritu ta' Bona Fede ghal dan il-Kap 451 irid.

Kif kien tajjeb sottomess mis-socjeta' intimata, illum tezisti dinja globalizzata fejn persuna trid tkun imharrga biex tiffacja l-isfidi u opportunitajiet. Hekk biss tista azjenda timxi l-quddiem u l-impjieg tal-haddiem gavanfit.  Pero' irid jinghad ukoll li f'dinja globalizzata jeziztu ukoll anzi min enfasi akbar fuq valuri ta' Solidarjeta, umanita, komprensjoni, giustizzja u familja. Jekk il-bniedem anki fuq il-post tax-xoghol, jaqta dawn il-valuri, allura jkun jista jinghad li l-kamp tax-xoghol jkun gie ridott ghal dak li kien zmien ilu u jkun tilef dak li akkwista matul il-kors taz-zmien. X' hawn akbar ghal bniedem milli jiehu decizjoni u l-pass taz-zwieg! Il-principal kien jaf li l-appellant kien ser jizzewweg. Fid-dinja tal-lum hemm certu preparamenti li persuna trid taghmel. Veru li huwa ghazel iz-zwieg flok il-kors, pero' s-socjeta' intimata naqset li tinduna li ma ghazilx iz-zwieg mix-xoghol, persuna f'sensiha tista tirrifjuta l-post tax-xoghol meta appik ser tizzewweg ? Huwa precizament -hawn il-fulcrum tas-soluzjoni ta' din il-kwistjoni. Is-socjeta' ntimata kienet stringent wisq fl-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet pattwiti. Tenut kont li si tratta mhux ta' natura kummercjali, kien marbut b'kuntratt mentri kien hemm ftehim kollettiv vigenti. Kien hemm persuni ohra li rrifjutaw li jmorru. Ghandhu jigi konsiderat dan kollu fid-dinja tax-xoghol esistenti ghal-impjegat li ma ghandhux il-fakoltajiet li ghandha l-istess Socjeta' intimata. Da parti tieghu, l-impjegat irid jifhem l-investiment kapitali tal-imghallem tieghu, il-haddiema l-ohra li ghalihom huma responsabbli, l-inforza ta' l-istess azjenda biex tibqa aggornata u kompetittiva fid-dinja odjerna tax-xoghol u dawn l-elementi kollha ser jittiehdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu ta' kumpens pagabbli, segwendo il-principji stabbiliti fl-istess Att dwar l-Impjieg u

Relazzjonijiet Industrijali 2003 (Kap 451) tal-Ligijiet ta' Malta. F' materja simili it-Tribunal irid imur oltre is-semplici kuntratt, u ma jkunx limitat u/jew cirkoskritt mill-istess termini.

**Kumpens**

Illi jigi ritenut li l-impjegat dam jahdem mas-socjeta' intimata mis-7 ta' Marzu 2003 sat-23 ta' Dicembru 2003, u llum jinsab jahdem ghar-rashu. Min jirrikorri lejn dan it-Tribunal jaghmel hekk biex jigi gustifikat. L-ghoti ta' kumpens huwa konollari ghax jista ikun li jinghata rimedju iehor ghal dak finanzjarju. Fil-kaz odjern qed jigi stabbilit is-somma ta' Lm750 in vista ta' cirkostanzi specjali tal-kaz kif citati aktar il-fuq.

**Konkluzjoni**

Illi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida, u s-socjeta' intimata qed tigi ordnata thallas bhala kumpens s-somma ta' Lm750.

Ghal fini ta' tassazzjoni ta' drittijiet qed tigi ffisata s-somma ta' Lm20.

B'hekk din il-kwistjoni giet definittivament terminata."

Is-socjeta` Auto Sales Ltd appellat minn din is-sentenza u fl-ewwel lok talbet li din tigi dikjarata nulla u bla effett. Alternattivament, talbet li tithassar l-ordni ta' kumpens kif maghmul mit-Tribunal. L-aggravji ewlenin tas-socjeta` appellanti huma dawn:-

(I) It-Tribunal mar oltre l-provvedimenti tal-kuntratt ta' impjieg ta' l-appellat u ddecieda li kellu jiehu in konsiderazzjoni aspetti li ma kellhomx relazzjoni mar-rapport kontrattwali *ut sic;*

(II) L-iffissar tal-kumpens retributtiv ma kienx konformi mad-dispost ta' l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 452;

Jibda biex jigi registrat illi mill-mod kif inhu impostat l-ewwel aggravju, l-appell jimporta certament konsiderazzjoni tar-regolamentazzjoni kontrattwali ta' l-impjieg ta' l-appellat u verifika ta' kif it-Tribunal hares lejh u interpretah, b' applikazzjoni ghall-fatti tal-kaz. F' dan il-kuntest l-appell kien allura jikkontjeni dak il-punt ta' ligi li jsemmi l-Artikolu 82 (3) Kapitolu 452 u li kellu jigi ghaldaqstant ezaminat u deciz minn din il-Qorti;

Ma jista' qatt ikun kontestat illi r-relazzjoni bejn l-appellat u s-socjeta` appellanti hu regolat bil-Contract of Service datat 7 ta' April 2003. *Inter alia,* dan l-istess kuntratt jipprovdi fi klawsola 5 tieghu illi *"the employee undertakes to attend for any training the employer deems necessary, in Malta or abroad, whenever required to do so by the employer".* Jinghad, imbaghad, fi Klawsola 13 tal-kuntratt illi *"The employee shall be entitled to terminate the employment of the employee for just cause according to law and in the event of any breach on the part of the employee of any of the above clauses and of his terms and conditions as laid down in the above mentioned Automobile Industrial Agreement'.* Kopja ta' dan l-ahhar imsemmi Agreement ma gietx prodotta fl-atti pero` gie esebit mis-socjeta` appellanti kopja tal-Ftehim Kollettiv bejn il-kumpanija u t-taqsima tal-General Workers Union applikabbli ghall-istess kategorija ta' impjegati bhall-appellat ghall-perijodu Jannar 2002 - Dicembru 2004;

Is-socjeta` appellanti tikkontendi illi l-kuntratt ta' impjieg bejnha u l-appellat kellu jithares fit-termini stretti tieghu. In effetti jinghad f' wahda mis-sottomissjonijiet tal-kumpanija quddiem it-Tribunal illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argoment ir-raguni tar-rifjut ta' l-appellat li jmur ghal kors ta' tahrig kien it-tieg u l-preparattivi ghalih, l-istess ma kienx jezonerah mill-obbligu kontrattwali. Fi ftit kliem il-kumpanija appellanti qed issostni illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet dovuta ghall-inadempjenza kontrattwali;

Minn naha l-ohra l-appellat jirribatti illi l-kuntratt partikolari ta’ l-impjieg tieghu kellu jigi implementat fl-ambitu wkoll tal-Ftehim Kollettiv;

Jidher li t-Tribunal ezamina l-kwestjoni centrali tal-validita` tat-tkeccija mhux biss fil-limiti stretti tal-kuntratt *ad hoc* ta’ impjieg izda wkoll minn perspettiva aktar allargata li kienet tikkomprendi kemm il-Ftehim Kollettiv kif ukoll ic-cirkostanzi generali tal-kaz. Fil-fatt it-Tribunal esprima ruhu hekk: “F’ materja simili t-Tribunal irid imur oltre s-semplici kuntratt u ma jkunx limitat u cirkoskritt mill-istess termini tieghu”. Din tidher li hi n-“nocciolo” tal-kwestjoni fundamentali li fuqha timpernja ruhha l-kontestazzjoni tas-socjeta` appellanti;

Dan premess, jibda biex jigi notat illi l-Att XXII ta’ l-2002 ma jikkontjeni ebda disposizzjoni specifika bhal dik li nsibu fil-Kodici Civili Taljan, li tittratta dwar l-effikacja tal-kuntratt kollettiv fuq dak individwali. Jinghad a propozitu fl-Artikolu 2077 ta’ l-imsemmi Kodici illi: *“I contratti individuali di lavoro tra gli appartenenti alle categorie alle quali si riferisce il contratto collettivo devono uniformarsi alle disposizioni di questo. Le clausole difforme dei contratti individuali, preesistenti o successive al contratto collettivo, sono sostituite di diritto da quelle del contratto collettivo, salvo che contengono speciali condizioni piu` favorevoli ai prestatori di iavoro”.* Kif konfermat mill-gurisprudenza Taljana din id-disposizzjoni hi inderogabbli. Fil-kaz tal-ligi taghna l-uniku provvediment li jqarreb lejn l-ahhar parti tal-precitat artikolu tal-Kodici Civili Taljan huwa l-Artikolu 42. Dan limitatament, pero`, fis-sens illi jekk kuntratt ta’ servizz individwali jew ftehim kollettiv jikkontjeni kondizzjonijiet anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk dettati mill-Att innifsu, huma l-provvedimenti ta’ l-Att li jimperaw;

Ferma din ir-riflessjoni, kif ukoll il-fatt inkontrovers illi kif jirrizulta l-uniku kuntratt specjali sar biss fil-kaz ta’ l-appellat, u mhux ukoll fil-kaz ta’ l-impjegati l-ohra azjendali fl-istess klassi tieghu hekk regolati mill-Ftehim Kollettiv,

tinsorgi l-mistoqsija jekk it-Tribunal kienx marbut li josserva u japplika b' mod esklussiv it-termini tal-kuntratt partikolari ta' impjieg, u xejn aktar minn hekk. Din il-Qorti ftit ghandha dubbji illi ghal tali kwezit it-Tribunal kien fid-dover li jesplora kull cirkostanza attendibbli biex jassikura, jivvalora u jiddetermina jekk tabilhaqq kienetx tezisti kawza sufficjenti ghal licenzjament. Tali ezercizzju kellu allura jikkomprendi l-Ftehim Kollettiv. Dan anke ghaliex, kif saput tali ftehim "jippresupponi dejjem illi almenu meta jigi ffirmat dan ikun maghmul f' isem il-maggoranza ta' l-impjegati" ("**Angelo Fenech *nomine* -vs- Joseph N. Tabone *nomine*",** Appell, 13 ta' Marzu 1995;

Issa huwa minnu illi di regola ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u, anzi, ma ghandux jigi varjat jekk mhux bil-ftehim tal-partijiet. B' danakollu, ghall-iskop ta' l-ezami tat-tkeccija, u jekk din kienetx gusta o meno, ma hemm xejn x' izomm lit-Tribunal adit milli ekwament jinvestiga dawk ic-cirkostanzi l-ohra kollha li jistghu jinfluwixxu fuq il-punt involut tat-tkeccija. It-Tribunal kellu allura jara u jinterpreta jekk, fil-kumpless, in-nuqqas ta' l-appellat li jmur ghal tahrig barra minn Malta, u fiz-zmien li ntalab jaghmel dan, kienx ragonevoli u gustifikat mic-cirkostanzi. Dan ghall-iskop, anke tenut sempliciment qies tal-pattijiet kuntrattwali, biex jigi determinat jekk kienx hemm dik l-inadempjenza kolpuza ta' l-impjegat vantata mis-socjeta` appellanti. Wara kollox in tema tal-principju generali tad-dritt l-inadempjenza lanqas ma hija ammessa meta din tkun provokata minn motivi li jeskludu dik il-kwalifikazzjoni kolpuza fl-imgieba tad-debitur ta' l-obbligazzjoni. It-Tribunal jidher li kien sodistatt illi fic-cirkostanzi u fuq il-bazi tal-provi dedotti fl-atti, it-terminazzjoni ma saretx ghal raguni valida. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, mill-assjem tac-cirkostanzi, mehuda *tout ensemble,* ma ssibx raguni biex tiddiskosta ruhha mid-decizjoni tat-Tribunal anke ghaliex din, fil-fattispeci tal-kaz, timmerita konferma ghal dawk li huma l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet taghha. L-ewwel aggravju qieghed allura jigi respint;

Fil-kaz ta' l-aggravju relattiv ghal-likwidazzjoni tal-kumpens huwa logiku illi fuq il-kostatazzjoni tieghu li t-tkeccija kienet wahda ngusta t-Tribunal kellu jara xi drittijiet kompensatorji kienu dovuti lill-impjegat. Ghat-Tribunal r-rimedju adegwat biex l-ingustizzja di fronte ghall-impjegat tigi rettifikata gie ffissat f' kumpens ta' seba' mitt lira (Lm700);

Fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452 il-ligi tipprovdi indikaturi ta' dak li t-Tribunal kellu jiehu in konsiderazzjoni fil-fissazjoni tal-kumpens imma imbaghad thalli f' idejn l-istess Tribunal li hekk jillikwida u jiddetermina l-istess kumpens. Kemm kellu jkun dan il-kumpens mhux sindakabbli minn din il-Qorti, una volta li t-Tribunal ikun deherlu li kienu jezistu ragunijiet bizzejjed biex jillikwida l-kumpens fis-somma ffissata minnu. Huwa veru li tali likwidazzjoni tista' forsi titqies *a prima vista* esagerata izda b' daqshekk ma jfisserx illi t-Tribunal injora l-indikaturi prefissi mil-ligi, u li, del resto, ma jidherx li huma ghal kollox ezawrjenti. Kollox ma' kollox, imbaghad, ma jidherx li t-Tribunal ezercita l-poter diskrezzjonali tieghu fl-iffissar ta' dan il-kumpens b' mod manifestament inekwu u sproporzjonat. Mhux il-kaz allura li, kif mitlub, din il-Qorti thassar l-ordni ta' kumpens jew li timmodifika l-kwantum ta' l-istess kumpens.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------